**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 450/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1474/2007)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw iż-żwieġ fil-ghaxra (10) ta' Awwissu tas-sena elfejn sebgħa (2007) fis-Sala tas-Saltna tax-Xhieda ta' Ġehova, Triq il-Waqqafa, Mosta.

2. Illi r-rikorrenti għandhom tifel wieħed, E B, li twieled fis-sbatax (17) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħatax (2014).

3. Illi il-partijiet ilhom defacto separati minn April tas-sena elfejn u wieħed (2021).

4. Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju elfejn u wieħed (2021) redatt minn Nutar Rachelle Farrugia Buhagiar l-applikanti ifformalizzaw is-separazzjoni tagħhom. Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni huwa anness u immarkat bħala Dok. 'A'.

5. Illi ma hemm l-ebda tama ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illum huma jgħixu ħajja kompletament independenti minn xulxin.

6. Illi skond il-klawżola 6(e) il-manteniment huwa dovut biss fir-rigward tat-tifel E B u ma hemmx pendenzi li joħorġu minn dan l-obbligu.

7. Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja x-xoljiment taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fl-10 ta' Awwissu, 2007 bejn il-partijiet;

2. Jekk tilqa' l-ewwel talba, tordna lir-Registratur tal-Qrati, fi żmien mogħti mill istess Onorevoli Qorti, biex jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku dwar ix-xoljiment taz-zwieg hawn fuq imsemmi u dan sabiex ix-xoljiment ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Settembru 2022;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla li fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m’ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Gunju 2021.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.